**Parlament Ewropew**
2024-2029

**TESTI ADOTTATI**

# P10_TA(2024)0057

## Il-waqfien tal-Pjattaforma Ewropea tal-ODR

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2024 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 524/2013, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/2394 u (UE) 2018/1724 fir-rigward tal-waqfien tal-Pjattaforma Ewropea għas-Soluzzjoni Online għat-Tilwim (14152/1/2024 – C10-0199/2024 – 2023/0375(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (14152/1/2024 – C10-0199/2024),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Frar 2024[1],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[2] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0647),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A10-0028/2024),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

---

1 ĠU C, C/2024/2482, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2482/oj.
2 Testi adottati, 13.3.2024, P9_TA(2024)0140.

Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.